**KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA**

---

**IL-HAMES LEGISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGHA TAL-KUNSILL**

**LAQGHA NUMRU 1 – L-ERBGHA 20 TA' JANNAR 2010 FIT 7:30PM**

Il Kunsill iltaqa' fl-Ufficju Amministrattiv tal-Kunsill

Prezenti

| | |
|---|---|
| Anthony Mifsud | Sindku |
| Simon Paul Fenech | Vici Sindku |
| Anatoile Scerri Diacono | Kunsillier |
| Antoine Vella | Kunsillier |
| Helen Maria Bugeja | Kunsilliera |
| Michael Portelli | Segretarju Ezekuttiv |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-Muniti gew mehuda bhala moqrija u saru korrezzjonijiet mehtiega.

**Punti li joħorġu mill-minuti**

Fuq il-minuti tal-laqgħa preċedenti għandha issir ittra lil ħaddiema tal-IPSL biex jiġu irringrazzjatti għal għajnuna li offrew biex jintrema id-dawl tal-Milied fit-toroq. Din qed tkun ko ordinata mis-Sindku.

Għandha tinħareġ call of interest fuq il-Gażżetta tal-Gvern biex il-Kunsill Lokali jkollu website. Ta din qed tkun ko ordinata mal-kunsillier Antoine Vella.

Għandha ssir stima fuq Triq is-Sardinell biex jiġi kkontrollat l-għargħar. Din qed jikkordina fuqha il-kunsillier Antoine Vella.

Fuq il-każ tal-bieb li kellu jingħalaq fejn l ex married quarters, din kient saret ittra imma jonqos risposta fuqha. Dan qed jikkordina fuqu il-kunsillier Antoine Vella.

Dwar il-linji sofor li kellhom issiru quddiem is-Sur. Charles Borg dawn kienet inkitbet ittra u għadna qed nistennew ir-risposta. Din qed tkun kordinata mal-kunsillier Antoine Vella.

Il-Viċi Sindku qal biex jiġi kkuntatjatt il-Perit biex jagħmel rapport tax-xogħol ta manutenzjoni li għandu jsir fi Triq Kavallier Vincenzo Bonello, Triq Mikiel Fsadni u Triq Joseph S Calleja.

It-tabib Schembri kien kellem lil kunsilliera Helen Bugeja fuq culverts li għandhom issiru fi Triq Temi Zammit. Dawn ha jsiru l-proċeduri meħtieġa fuqhom u din ħa tkun kordinata mal-kunsilliera Helen Bugeja.

Dawn gew approvati mill-Kunsill u ffirmati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

**Fuq riżoluzzjoni li għaddiet dak il-ħin waqt il-laqgħa kien hemm qbil li tinbiddel l-ordni tal-Agenda f' din l-ordni**

- **Arvidsjaur**
- **Karnival**
- **Military Mtarfa**

**2 Arvidsjaur**

Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono kellu diskussjonijiet biex iġġib kwotazzjonijiet għal titjiriet lejn Arvidsjaur. Id-dati huma bejn il 15 u 21 ta' Marzu 2010. Il-kunsillier irrimarka li kien hemm xi nies li ma ħadux gost b dawn id-dati minħabba li ma jkunux jistgħu jiġu minħabba li t-tfal jkunu vaganzi. Is-Sindku wieġeb li l-muniċipalita t' Arvidsjaur qed tinsisti li nitilgħu f 'dawn id-dati minħabba li huma wkoll jkunu vaganzi.

Il-kunsillier Anatole ippreżenta lis-Segretarju Eżekuttiv tlett stimi differenti li huma kif ġejjin:

1. Titjira diretta lejn Arvidsjaur li titlaq fil 15 ta' Marzu u terġa lura Malta fil 21 ta' Marzu bl Airmalta. Ħa jkun hemm 141 seat u b' kollox tammonta għal € 60,000. F' dan il-każ pero jekk ikun hemm 100 Maltin u 100 Svediżi dawn jinqasmu b' dal mod,

   € 60,000 prezz tal-ajruplan
   € 35,000 prezz lil Isvedizi
   € 25,000 rimanenti dovuti lil Maltin

   Dan ifisser li jekk jinbiegħu 100 seat lil Arvidsjaur biex jkunu jistgħu jiġu Malta il-prezz globali jinqasam bejn iż-żewġ lokalitajiet. Mill-ammont ta € 25,000 dan jinqasam hekk:

   € 25,000 ÷ 100 (Maltin) = € 250 (Titjira)+
   € 40 (Taxxi)
   € 270 (Hotel B & B)
   € 560 Total

2. Titjira Malta > Skavsta (Sweden)
   Ryan Air Low cost € 200

Lejl fil-hotel u wara transfer lejn Stockholm Arlanda airport
Lodging € 60 + € 20 taxi

Titjira Arlanda > Arvidsjaur
Low cost flight € 200
Transfer taxi € 20

Total € 500

3. Malta > Frankfurt
Titjira Airmalta € 230
Lejl f' Hotel u transfer lejn Frankfurt Airport € 50 (Lodging) + € 15 (Taxi)

Titjira Frankfurt > Arvidsjaur € 175
Transfer taxi € 10
Total € 480

Wara diskussjoni il-Kunsill Lokali qabel li jaddotta l ewwel alternattiva peress li hija l-aktar waħda vantaġġjuża fejn it-titjira hija ta € 250 (eskluzi taxxi u lukanda). € 100 min dan l-ammont ħa jiġu sussidjati mill-Kunsill Lokali. Din tapplika għal dawk in-nies li jiffurmaw parti mid-delegazzjoni. Dawk in-nies li mhumiex parti mid-delegazzjoni ħa jkunu qed iħallsu € 560 (kollox inkluż).

Fil-ġimgħat li ġejjin il-Kunsill ħa jkun qed joħroġ din l-istedina għal membri tal-Mtarfa f' forma t' ittra b' deadline ta ġimgħa. Kien suġġerritt ukoll li jsir bank account għal din l-okkażżjoni imma dan wara li jsiru checkings mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

Il-kunsillier Anatole Scerri Diacono ressaq anki suġġeriment li jintgħażlu żewġ rappreżentanti mil-Youth Council biex jiffurmaw parti mid-delegazzjoni. Dawn ħa jkunu qed jirrapreżentaw liż-żgħażagħ tal-lokalita.

## 3 Karnival Mtarfa 2010

Is-Sindku qal li dis-sena l-Karnival se jiġi ċċelebrat bejn it-12 u l 14 ta' Frar 2010 u ta dettalji kif inhuma ġejjin:

Il-Ġimgħa 12 ta' Frar 2010 se jkun hawn karru li jġib l arma t' Arvidsjaur u l-Imtarfa maġenb xulxin, ħa jkun hemm ukoll żewġ karrijiet oħra, żeffiena u maskli grotteski. Dakinhar ukoll ħa jkunu hawn erbgħa bars li ħa jintramaw min entitajiet tal-lokal (Mtarfa Drama Group, Depiro, Kappillan u tal-Karnival). Il-kunsillier Antoine Vella issuġġerrixa li jkun hemm ukoll Depiro li jarmaw il-bar mal-oħrajn. Ħa jkun hawn ukoll żewġ discos, wieħed li ġa jsir fejn in-naħa tal-Karnival u ieħor it-Towncentre.

Għal din l-okkażżjoni is-Sindku kiteb lil banek lokali biex jagħtu sponsors għal din l-attivita (Banif Bank u BOV). Ħa jittieħdu ukoll ritratti u filming waqt l-attivitajiet. Dakinhar se jkun hawn ukoll faċilitajiet pubbliċi li huma mobile toilets

Il-Ħadd 14 ta' Jannar 2010 ħa ssir kompetizzjoni bil-kostum ġewwa t-Towncentre. Dakinhar ukoll ħa jkun hawn banda il-Big Friend Gugen Muzik li ħa ddoqq bejn id-8.45 a.m. u 10.30 a.m. Din ġejja għal prezz ta € 930 u iż-żeffiena Wild Strength Dancers li ġejjin bil-prezz ta € 200. Se jipparteċipaw ukoll il-kumpaniji tas-sena l-oħra u anki xi membri ta Dar il-Kaptan. Dawn ħa jingħataw token ta drink u sandwich wieħed kull wieħed.

Is-Sindku pproppona li tintrama tinda bil-qisien ta 20ft  x 40ft x 23ft. Is-Sindku laħaq ġab ukoll stima li kienet għolja tal-ammont t € 2000 mingħajr limitu għal kirja. Għalhekk ħa ssir call of interest fil-Gażżetta tal-Gvern biex jinġabru offerti għal armar ta tinda.

Ħa jkunu ippubblikati ukoll avviżi fil-Ġażżetta tal-Gvern li jispjegaw kif se jkun imqassam it-traffiku għal dawn l-okkażżjonijiet. Saru wkoll posters (200 poster daqs A2 biex jitwaħħlu fil-ħwienet u 4000 leaflet għal ġod-djar). Se jkun hemm ukoll servizz ta emergenza li ħa jiġi offert mir Red Cross First Malta Branch.

Se jkunu mistiedna ukoll xi dinjitarji għaż-żewġ okkażżjonijiet. Fit 12 ta' Frar se jkunu mistednin Onor. Dolores Cristina, Dr. Stefan Bountempo, Dr. Owen Bonnici, Onor Dr. Chris Said u Dr. Clyde Puli. Fl 14 ta' Jannar se jkunu mistednin Dr. Owen Bonnici u l-Onor. Clyde Puli. Din l-attivita ġiet approvata mil-Kunsill Lokali kollu.

## 4 Military Mtarfa

Military Mtarfa dis-sena ħa jkun organiżżat bejn it-22 u 23 ta' Mejju 2010. Dan l-avveniment se jkun kordinat mil-Future Focus. Is-Sindku spjega ukoll li diġa bagħat xi ittri għal sponsorships lil Banif Bank u BOV. Saret ukoll applikazzjoni għal fondi t' attivitajiet kulturali li tniżżlet id-data tas-16 ta' Mejju 2010 imma din kellha timxi peress li kienet ġurnata matul il-ġimgħa.

Dakinhar tat-22 ta Mejju se jkun hemm reanactment filgħaxija li għandu jsir fi Triq ir-Reġimenti Maltin quddiem l-Arloġġ. L-għada 23 ta' Mejju 2010 se jkun hemm eżibizzjonijiet u wirjiet għal pubbliku.

Se jsir flyer li se jkun imqassam biex jiġi infurmat il-pubbliku. Dakinhar ukoll tal-attivita se jsiru signs biex ikun jista jitmexxa t-traffiku b' mod effiċjenti.

Il-Viċi Sindku issuġġerixa li jkun hemm speakers biex jagħmlu sound effects li huma relatatti mal-Gwerra. Kien hemm anki suġġeriment biex ikun hemm sistema ta two way radio biex tintuża waqt l-avveniment għal kordinazzjoni.

Għal din l-okkażżjoni wkoll se jkunu mistiedna xi dinjitarji fosthom il-President, Prim Ministru, Kap tal-Oppożizzjoni, Ambaxxaturi, l-Isqof, Dr. Chris Said, Dr. Stefan Bountempo, Dr. Mario De Marco, Marie Louise Coleiro, Dolores Cristina u Dr. Owen Bonnici.

Se jinħatar ukoll Kumitat li ħa jkun qed jieħu ħsieb dan l-avveniment. Din l-attivita ġiet approvata min naħa tal-Kunsill Lokali kollu.

### 4.1 Attivitajiet oħra

Se jkun qed issir party tal-Easter mill-Kunsill li se jkun kordinat mill-Kunsillier Anatole Scerri Diacono. Fuq l-istess tema l-Mtarfa Drama Group se jkun qed itella pageant tal-Passjoni għan nom tal-Kunsill.

Dwar Jum l-Imtarfa is-Sindku emfasiżża li nsgħmlu ħilitna kollha biex ntellgħu ġurnata dedikata lil Mtarfa kif jixraqilha bħala lokalita.

Għal okkażżjoni ta Jum l-Omm u Jum il-Mara se jkun hemm ukoll xi attivitajiet li se jkunu kordinati mil-Kunsilliera Helen Bugeja.

## 5. KORRISPONDENZI

### 5.1 Korrispondenza mis-Sindku

Is-Sindku ġie avviċinat mill-Kulleġ ta San Nikola biex jagħmel donazzjoni ta siġar għal Jum Arbor Day. Fuq dan l-item għandhom issiru checkings meħtieġa.

Dwar il-kors tal-aerobics ir-residenti wrew li kien hemm interess biex dawn jerġgħu issiru. Għal dan il-għan qed jiġu pprintjatti posters li se jitqassmu fid-djar u nies jkunu f pożizzjoni biex jesprimu l interess tagħhom.

### 5.2 Korrispondenza mill-Viċi Sindku

Il-Viċi Sindku attenda għal meeting tal-Wastserv li jikkonċerna bring in sites. Huwa spjega li l-Wastserv se tkun qed tagħmel devoluzzjoni ta dawn il-bring in sites. B' hekk qed toffri skema fejn dawk il-lokalitajiet li jixtiequ jżommu l-bring in sites offerti mill-Wastserve jridu jagħmlu depożitu ta € 50 fuq kull waħda li jsir darba waħda biss. Fis sena 2014 dawn issiru propjeta tal-Kunsill Lokali.

Aktar il-quddiem il-Kunsill se jiġi avviċinat mil-kumpaniji li se jkunu qed jagħmlu l-ġbir tal-iskart tar-riċiklaġġ.

Il-kelliemi ressaq quotation ta lights li jistgħu jsiru fi Triq San David.

Kien hemm residenti fi Sqaq l-Imtarfa li avviċina lil Viċi Sindku biex issiru double yellow lines minħabba li kien qed ikollu ostaklu min karozzi li jipparkjaw viċin tiegħu.

**5.3 Korrispondenza mill-Kunsillier Antoine Vella**

Il-Kunsillier Antoine Vella ressaq proposta biex issir komunikazzjoni bejn il-kummerċjanti tal-lokal u l-Ministru tal-Ekonomija biex jiġu evalwati proposti għal aktar kummerċ fil-lokalita.

**5.3 Korrispondenza mill-Kunsillier Anatole Scerri Diacono**

Il-kunsillier Anatole Scerri Diacono ġie avvicinat mil Union of Cabin Crew li jixtiequ li jużaw is-Sala tal-Kunsill Lokali. Dawn ħa jħallu donazzjoni ta € 75. Din se tintuża fit-2 ta' Frar 2010.

Kien hemm aċċident fejn Triq Dar il-Kaptan fejn karozza skidjat u waqqat ċint. Xi residenti avviċċinaw il-Kunsillier biex dan iċ-ċint jerġa jinbena.

Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono ġie avviċinat min xi residenti biex issir zebra crossing bit-traffic lights fi Triq il-Maltin Internati u Eżiljati. Din pero taqa taħt ir-responsabilta tal-Gvern.

Il-Kunsillier spjega li kien attenda għal laqgħa tal-Kunsill taż-Żgħażagħ fejn semma li kien hemm riżultat tajjeb.

Il-Kunsillier irraporta li kien twaqqa ċ-ċint ta maġenb il-ħanut tal-hairdressing.

Il-kunsillier Anatole Scerri Diacono ikkritika il-kundizzjoni tal-indafa li qed jinżamm fiha l-Kunsill Lokali.

Mtarfa Football Nursery resqu talba bil-miktub biex jingħataw għajnuna biex il-ground preżenti jkun jista jsir b artificial turf. Huma ppreżentaw stima ta € 4,800 ta kollox. Din ġiet diskussa u l-Kunsill kollu qabel li għandhom jingħataw din l-għajnuna. F' każ li ma nkunux f' pożiżżjoni li nagħtu għajnuna finanzjarja, dawn ħa jingħataw għajnuna manwali.

Il-kelliemi ġie infurmat fuq kors li se jiġi organiżżat mil-Universita ta Malta dwar Community Development. Huwa spjega li dan il-kors ikun ta siewi għal dawk li jiffurmaw parti mill-Kunsill u se jattendi għalih.

**5. ĦLASIJIET U PAGAMENTI**

Is-Segretarju ppreżenta ta pagamenti tat-tieni nofs tax-xahar ta Diċembru.

Pagament numru 12 kien imħallas diġa u ġie mwaqqaf.

Pagament numru 17 kien imħallas diġa u ġie mwaqqaf.

Rigward il-pagamenti l oħra il-Kunsill qabel li għandhom jitħallsu u l-pagamenti ġew approvati.

## 6. PERFORMANCE BONUS

Skont Memo 86/09 jingħad li l-Performance Bonus lil ħaddiema tal-Kunsill Lokali għandu jithallas fix-xahar ta Jannar 2010.

Dan ġie mressaq biex jiġi diskuss waqt il-laqgħa u biex jiġi apparovat skont l-istess Memo kif imsemmi hawn fuq. Il-Performance Bonus tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sur Hector Cassola kellu jiġi approvat f dil-laqgħa. Peress li l-Kunsillier Antoine Vella ma kienx preżenti għal din il-parti tal-laqgħa, Is-Sindku ssuġġerixa biex dan is-suġġett jerġa jittella għad diskussjoni għal laqgħa li jmiss meta l-kunsillieri kollha jkunu preżenti, għalkemm kien hemm quorum f' din il-parti tal-laqgħa.

## 7 INGAĠĠAR TAS-SEGRETARJU EZEKKUTIV U HAND-OVER MILL AGENT SEGRETARJU

Is-Sindku awgura lis-Segretarju Eżekuttiv ġdid is-Sur. Michael Portelli u tah merħba fil-Kunsill Lokali. Huwa għamillu kuraġġ biex jkompli jaħdem għal Kunsill. Is-Sur Michael Portelli tkellem dwar l andament tal-hand over mill-Aġent Segretarju u spjega li din kienet għaddeja b ritmu tajjeb, għalkemm kien għad fadal xi xogħol ieħor li kien għad mhux komplut jiġifieri li għad irrid jitkompla l-proċess tal-handover bħal proċess tat-tendering, egħluq tal-accounts, rikonċiljament tal-payroll għas sena 2009, ċerta korispondenza u egħluq l-auditing. Għad jonqos żmien sabiex titkompla l-hand over dwar dawn l-affarijiet imsemmija, wieħed jistenna l-awdituri sabiex issir l-auditing anwali wara li l-accountant jippreżenta l financial annual reports għal għeluq is-sena Diċembru 2009.

### 7(A) INGAĠĠAR TA SKRIVAN/A MAL-KUNSILL

Is-Sindku spjega li wara li saru diversi intervisti biex jintgħażel skrivan mal-Kunsill, ġie magħżul is-Sur Joe Spiteri. Huwa beda jaħdem mal-Kunsill fit-tieni nofs ta' Diċembru 2009.

## 8. AĠĠORNAMENTI U XOGĦOLIJIET

### 8.1 IS-SINDKU

Is-Sindku qal li rċevejna draft tal-kuntratt għad devoluzzjoni tat-Torri tal-Arloġġ.

Huwa qal ukoll li reġa inbeda il-proċess ta devoluzzjoni fuq xi bini tas-servizzi. Dawn huma is-Sisters Quarters, Isolation Hospital u l-kamra magħrufa bħala tal-periti.

Is-Sindku semma wkoll biex issir laqgħa il-Kunsill dwar it-tender tal-lattrina sabiex dan jkun jista joħroġ.

Is-Sindku semma biex issir applikazzjoni għal double yellow line fi Triq Conti Sant Manduca.

Se jiġi l-perit għada biex jara fuq l-ilma li qed jidħol għal garaxxijiet ta Binja Qlejgħa. Dan se jagħmel stima tax-xogħolijiet li għandha titressaq il-Kunsill.

Is-Sindku ikkonferma it-tindif tal-Bosk u biex dan ikun jista jsir se tingħalaq temporanjament Triq Kavalier Vincenzo Bonello sakemm issir it-tindif.

Se tinkiteb ittra bl-avukat lil Housing Authority biex il-Kunsill Lokali jkun jista jara l-kuntratt li għandhom Rabat Ajax fuq l-użu tal-ground. Is-Sindku qed issostni li la darba l-Mtarfa għandha Kunsill Lokali tagħha dan il-ground għandu jsir tal-lokalita. Din se ssir wara li kien hemm diversi talbiet lil Housing biex il-Kunsill jkun jista jara l-kuntratt imma dawn qatt ma ingħataw il-permess.

### 8.2 IL-VIĊI SINDKU

Il-Viċi Sindku li qed jinqala ħadid li kien hemm il-bandli biex jitpoġġa fl area tal-Karnival mill-ħaddiema tal-Kunsill.

Fil-jiem li ġejjin se jiżżarma l-armar tal-Milied mit-toroq mill-ħaddiema tal-IPSL.

Beda xogħol ta tindif tal-Bosk mill-kuntrattur konċernat.

Qed issir twaħħil ta mirja u anki tabelli b signs biex ma jkunx hemm tħammiġ min klieb.

## 9. GĦELUQ IL-LAQGĦA

Il-laqgha ġiet fi tmiem tagħha l-Erbgħa 20 ta' Jannar fil-ħdax nieqes għaxra (10.50 p.m.) ta' filgħaxija. Ma ġietx iffissatta ebda data għal laqgħa li jmiss.

| | |
|---|---|
| **Michael Portelli**<br>**Segretarju Ezekkutiv** | **Anthony Mifsud**<br>**Sindku.** |